



## STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 134/24

Il-Lussemburgu, 10 ta' Settembru 2024

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża magħquda C-29/22 P | KS u KD vs Il-Kunsill *et* u C-44/22 P | Il-Kummissjoni vs KS *et*

### Politika estera u ta' sigurtà komuni (PESK): il-Qorti tal-Ġustizzja tippreċiża l-portata tal-ġurisdizzjoni tal-qrati tal-Unjoni

*F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha ġurisdizzjoni biex tevalwa l-legalità tal-atti jew ommissjonijiet mhux marbuta direttament ma' għażliet politiċi jew strateġiċi li jaqgħu taħt din il-politika jew biex tinterpretahom*

KS u KD, membri tal-familja fil-qrib ta' persuni li għebu jew li nqatlu fil-Kosovo fl-1999, adixxew il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea. Il-kawża tirrigwarda l-missjoni ċivili tal-Unjoni Ewropea fil-Kosovo (Eulex), li ġiet skjerata fil-kuntest tal-PESK. Il-Qorti Ġenerali ħadet dan ir-rikors minħabba n-nuqqas ta' ġurisdizzjoni manifesta tagħha biex tieħu konjizzjoni tiegħu. Fuq appell, il-Qorti tal-Ġustizzja tippreċiża li l-qrati tal-Unjoni effettivament għandhom ġurisdizzjoni biex jevalwaw il-l-legalità tal-atti jew ommissjonijiet li jaqgħu taħt il-PESK li ma jkunux marbuta direttament ma' għażliet politiċi jew strateġiċi jew biex jinterpretawhom. L-istess jgħodd, b'mod partikolari, għad-deċiżjonijiet meħuda minn Eulex Kosovo dwar l-għażla tal-persunal jew dwar l-istabbiliment ta' miżuri ta' kontroll jew ta' rimedji ġudizzjarji.

Fl-2008, l-Unjoni Ewropea ħolqot missjoni ċivili "Stat tad-Dritt", bl-isem ta' Eulex Kosovo, inkarigata b'mod partikolari milli tinvestiga dwar ir-reati, il-persuni li għebu jew il-persuni li nqatlu fil-Kosovo fl-1999, fil-kuntest tal-kunflitt li seħħ f'dan il-pajjiż. Fl-2009, l-Unjoni ħolqot bord konsultattiv għad-drittijiet tal-bniedem, inkarigat li jeżamina lmenti mressqa minħabba ksur tad-drittijiet tal-bniedem imwettqa minn Eulex Kosovo fl-eżerċizzju tal-mandat tagħha.

Wara l-ilmenti mressqa minn KS u KD, il-Bord Konsultattiv ikkonkluda, f'Novembru 2015 u Ottubru 2016, li kien hemm ksur ta' numru ta' drittijiet fundamentali. F'Marzu 2017, dan il-bord għalaq il-każijiet ikkonċernati, filwaqt li kkonstata l-implimentazzjoni biss parzjali, mill-Kap ta' Eulex Kosovo, tar-rakkomandazzjonijiet li dan kien indirizzalu. KS ippreżentat rikors għal responsabbiltà mhux kuntrattwali kontra l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, il-Kummissjoni Ewropea u s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) b'mod partikolari għal ksur ta' numru ta' dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (KEDB). F'Diċembru 2017, il-Qorti Ġenerali ddikjarat li manifestament ma kellhiex ġurisdizzjoni biex tieħu konjizzjoni ta' dan ir-rikors<sup>1</sup>.

Sussegwentement, KS u KD ippreżentaw azzjoni ġudizzjarja ġdida quddiem il-Qorti Ġenerali kontra l-Kunsill, il-Kummissjoni u SEAE. Huma riedu jiksbu kumpens għad-danni li huma qiesu li ġarrbu minħabba diversi atti u ommissjonijiet relatati, b'mod partikolari, mal-investigazzjonijiet immexxija matul il-missjoni Eulex Kosovo. Barra minn hekk, f'Ġunju 2021, KS u KD ressqu talba għal miżuri istruttorji intiża li tikseb il-produzzjoni tal-verżjoni sħiħa tal-pjan operattiv ta' Eulex Kosovo. F'Novembru 2021, il-Qorti Ġenerali ħadet dan ir-rikors għall-istess raġuni<sup>2</sup>.

**Permezz ta' deċiżjoni fuq appell, il-Qorti tal-Ġustizzja illum tannulla parzjalment dan l-aħħar digriet tal-Qorti Ġenerali u tibgħat il-kawża lura quddiemha fir-rigward tal-kumplament.**

Hija tfakkar li l-inklużjoni tal-PESK fil-qafas kostituzzjonali tal-Unjoni timplika li l-prinċipji fundamentali tal-ordinament ġuridiku tal-Unjoni japplikaw ukoll għall-PESK. Fost dawn il-prinċipji hemm ukoll ir-rispett tal-Istat tad-dritt u tad-drittijiet fundamentali, valuri li jirrikjedu li l-awtoritajiet tal-Unjoni jkunu suġġetti għal sħarriġ ġudizzjarju.

Huwa minnu li la l-artikoli tat-Trattati u tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea li jistabbilixxu d-dritt għal rimedju effettiv u lanqas l-invokazzjoni ta' ksur tad-drittijiet fundamentali ma jiġġustifikaw, fihom infushom, li l-qrati tal-Unjoni jiddikjaraw li ma għandhomx ġurisdizzjoni. Barra minn hekk, il-limitazzjoni tal-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-qasam tal-PESK prevista mit-Trattati **ma hijiex inkompatibbli mad-dritt għal rimedju effettiv hekk kif iggarantit mill-KEDB**, fejn il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem diġà aċċettat limitazzjonijiet kostituzzjonali tal-kompetenza tal-qrati ta' Stat fir-rigward ta' atti li ma jkunux jistgħu jiġu sseparati mit-tmexxja tar-relazzjonijiet internazzjonali tiegħu.

Filwaqt li tinterpreta t-Trattati b'mod partikolari fid-dawl tad-dritt għal rimedju effettiv u tal-prinċipji tal-Istat tad-dritt, **il-Qorti tal-Ġustizzja madankollu tikkonstata li għandha ġurisdizzjoni biex tevalwa l-legalità tal-atti jew tal-ommissjonijiet li jaqgħu taħt il-PESK li ma jkunux marbuta direttament ma' għażliet politiċi jew strateġiċi jew biex tinterpreta dawn l-atti.**

F'dan il-każ, il-kapaċità tal-missjoni Eulex Kosovo li timpjega persunal tikkostitwixxi att ta' ġestjoni ta' kuljum li jidhrol fil-kuntest tal-eżekuzzjoni tal-mandat tal-missjoni. B'hekk, **id-deċiżjonijiet meħuda minn Eulex Kosovo dwar l-għażla tal-persunal li din il-missjoni timpjega ma humiex marbuta direttament mal-għażliet politiċi jew strateġiċi mwettqa mill-imsemmija missjoni fil-kuntest tal-PESK.**

Il-Qorti tal-Ġustizzja tasal għall-istess konklużjoni fir-rigward tal-assenza ta' dispożizzjonijiet li jipprevedu **għajjnuna legali fil-kuntest tal-proċeduri mibdija quddiem il-Bord Konsultattiv**. Bl-istess mod, fir-rigward tal-assenza ta' **setgħat eżekuttivi** attribwiti lill-Bord Konsultattiv jew ta' **rimedji ġudizzjarji** għall-ksur ikkonstatat minn dan l-istess bord, il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li d-deċiżjoni jekk l-atti u l-ommissjonijiet ta' din il-missjoni jiġux suġġetti għal mekkaniżmu ta' kontroll tikkonċerna biss aspett tal-ġestjoni amministrattiva tagħha.

Sussegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja tindika, dejjem fl-istess sens, li **l-assenza kemm ta' miżuri korrettivi** li jippermettu li jiġi rrimedjat il-ksur tad-drittijiet fundamentali kkonstatat mill-Bord Konsultattiv kif ukoll ta' **eżami legali serju** tal-kawża ta' KD jikkonċernaw in-nuqqas ta' adozzjoni ta' miżuri individwali u ma humiex marbuta direttament mal-għażliet politiċi jew strateġiċi mwettqa fil-kuntest tal-PESK.

Min-naħa l-oħra, il-**mezzi mqiegħda għad-dispożizzjoni ta' Eulex Kosovo** u d-deċiżjoni li **jiġi rrevokat il-mandat eżekuttiv** ta' din il-missjoni huma marbuta direttament ma' tali għażliet politiċi jew strateġiċi, u għaldaqstant il-Qorti Ġenerali ma wettqitx żball billi ddikjarat li ma kellhiex ġurisdizzjoni sabiex tiegħu konjizzjoni ta' din il-parti tar-rikors ippreżentat minn KS u KD.

**TFAKKIRA:** Il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tiegħu konjizzjoni ta' appell, limitat għal kwistjonijiet ta' dritt, minn sentenza jew minn digriet tal-Qorti Ġenerali. Bħala prinċipju, l-appell ma għandux effett suspensiv. Jekk ikun ammissibbli u fondat, il-Qorti tal-Ġustizzja tannulla d-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali. Fil-każ fejn il-kawża tkun fi stat li tiġi deċiża, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' hija stess taqta' l-kawża b'mod definittiv. Fil-każ kuntrarju, hija għandha tibgħat lura l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali, li tkun marbuta bid-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja fl-appell.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-[test sħiħ u, fejn applikabbli, is-sunt](#) tas-sentenza huma ppubblikati fuq is-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355.

**Ibqgħu konnessi!**



<sup>1</sup> Digriet tal-14 ta' Diċembru 2017, KS vs II-Kunsill *et* ([T-840/16](#)).

<sup>2</sup> Digriet tal-10 ta' Novembru 2017, KS u KD vs II-Kunsill *et* ([T-771/20](#)).